**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz ASF 159/2021**

**ZP ('l-ilmentatur')**

**vs**

**GlobalCapital Financial Management Ltd**

**(C30053) ('il-provditur tas-servizz' jew**

**'GlobalCapital')**

**Seduta tad-19 ta' Dicembru 2022**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment,** fejn l-ilmentatur talab li jinghata lura l-flus li allegatament tilef fuq l-investiment *Proshares Ultra DJ-UBS Crude Oil Securities*[1] ('*Proshares'* jew 'il-prodott'), li kien sar *tramite GlobalCapital Financial Management Limited* ('il-provditur tas-servizz' jew '*GlobalCapital'*).

Fl-essenza tieghu, l-ilment jinvolvi l-allegat nuqqas min-naha tal-provditur tas-servizz li jibghatlu *statements* ghal kwazi sentejn, u n-nuqqas ta' kommunikazzjoni mi- naha ta' *GlobalCapital* rigward il-prodott, fejn l-ilmentatur sostna li huwa thalla fl-ghama u ma giex infurmat fuq l-andament tal-prodott. Dawn in-nuqqasijiet irrizultaw f'telf fuq l-investiment tieghu.

[1] L-isem tal-prodott ta' investiment fiz-zmien ta' meta nxtara - Pagna (P.) 88 u 98

***L-ilment***

L-ilmentatur spjega li f'Settembru 2021 huwa rcieva komunikazzjoni minghand *GlobalCapital* fejn gie nfurmat li l-investimenti tieghu kienu qed jigu ttrasferiti lil kumpanija ohra, *CiliaFormosa Financial Advisors Limited*.

Peress li l-ahhar kommunikat li kellu minghand *GlobalCapital* kien datat l-10 ta' Marzu 2020,[2] huwa talab *statement* aggornat.

Meta l-ilmentatur qabbel l-*istatement* li rcieva ma' ta' qablu huwa sab diskrepanza f'wiehed mill-investimenti tieghu. Fl-*istatement* tas-sena 2020 kellu mnizzel 343 *units* fil-*Proshares* filwaqt li fl-ahhar *statement* kellu mnizzel biss 13 il-*unit* f'dan il-prodott.

L-ilmentatur spjega li huwa staqsa dwar din id-diskrepanza u gie nfurmat mill-provditur tas-servizz li kien hemm *reverse split* fuq l-investiment in kwistjoni u gie pprovdut b'*link* bid-dettalji.

L-ilmentatur talab laqgha biex jispjegawlu r-raguni ghalfejn huwa qatt ma gie infurmat b'dawn l-izviluppi. Huwa gie mwieghed li jigi ikkuntattjat minn wiehed mill-konsulenti finanzjarji tal-provditur tas-servizz izda hadd ma kkuntattjah f'dan ir-rigward.

L-ilmentatur rega' kiteb biex issir laqgha halli jinghata spjegazzjoni. Wara zewg talbiet, wiehed mill-konsulenti finanzjarji, li huwa wiehed mis-sidien tal-kumpanija l-gdida, cempillu.

L-istorja kollha giet spjegata lill-konsulent finanzjarju fejn dan infurmah li kien qed jirreferi l-kaz tieghu lill-*Compliance Officer*. L-ilmentatur, min-naha tieghu, infurmah li ser jipprezenta rapport lill-MFSA fuq in-negligenza u l-inkompetenza tal-provditur tas-servizz.

Barra minn hekk, l-ilmentatur sostna li rrizulta wkoll li meta sar ir-*reverse split* kull frazzjoni kellha tigi rritornata lura bhala flus kontanti, izda fil-kaz tieghu dan ma sehhx.

[2] P. 14

L-ilmentatur spjega li wara li għamel l-ilment mal-providur tas-servizz u mal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ('l-MFSA'), huwa kellu jiġi kkuntattjat fejn dan seħħ biss wara diversi *reminders*.

Fit-3 ta' Novembru 2021, saret laqgħa bejnu u bejn diversi uffiċjali tal-provditur tas-servizz. Sakemm saret din il-laqgħa l-kwistjoni fuq id-differenza fil-flus ġiet solvuta.

Ġie sottomess li l-*Managing Director* tal-provditur tas-servizz ammetta li kien hemm *mismanagement* min-naħa tagħhom.

L-unika kwistjoni li kien għad fadal għall-ilmentatur, u li dwarha kella ssir investigazzjoni li damet għaddejja xahar sħiħ, kienet fuq in-nuqqas ta' *statement* li kien irċieva.

L-ilmentatur spjega li huwa kien talab spjegazzjoni għal raġuni ta' kif qatt ma rċieva *statement* min-naħa tal-provditur tas-servizz għal kważi sentejn sħaħ meta din kienet obligazzjoni legali li l-provditur tas-servizz kellu lejn il-klijenti. Huwa sostna wkoll li matul dan il-perjodu kollu qatt ħadd mill-kumpanija ma kien ikkuntatjah.

Ta' dan in-nuqqas, l-ilmentatur talab likwidazzjoni ta' danni li sofra minħabba n-nuqqasijiet tal-provditur tas-servizz.

L-ilmentatur sostna wkoll li r-risposta tal-provditur tas-servizz, li ngħatat lilu wara xahar ta' investigazzjoni, setgħet tingħata dakinhar stess tal-laqgħa għax saħaq li l-provditur tas-servizz suppost jaf x'tip ta' kuntratti jagħmel mal-klijenti.

L-ilmentatur qies id-dewmien tar-risposta li ngħatatlu bħala tkarkir tas-saqajn biex jiġi ggwadanjat il-ħin u jgħaddu lin-nies biż-żmien.

Ġie sottomess li mkien fir-risposta tal-provditur tas-servizz ma ġiet ipprovduta r-raġuni l-għala l-ilmentatur tħalla fl-għama meta l-provditur tas-servizz huwa legalment obbligat li jinforma lill-klijenti. L-ilmentatur sostna li fuq dan biss, l-MFSA għandha tieħu passi kontra l-provditur tas-servizz.

L-ilmentatur issottometta li, minħabba n-nuqqasijiet u l-inkompetenza murija mill-provditur tas-servizz, huwa jikkalkola li tilef madwar Ewro5,000 tul l-aħħar sentejn peress li l-investiment li kellu mar il-baħar u l-provditur tas-servizz ma għamel xejn.

L-ilmentatur issottometta wkoll li l-provditur tas-servizz lanqas m'ghamel dak li kellu legalment suppost jaghmel, jigifieri, li jibaghtlu *statement* kull tant zmien.

L-ilmentatur iqis li l-ispjegazzjoni li huwa inghata wara l-investigazzjoni bhala dahqa fil-wicc biex jippruvaw iwahhlu fih li huwa ma kompliex isegwi l-investiment tieghu. Dan peress li sitt snin qabel huwa kien kiteb li kien qed isegwi l-investiment kuljum.

L-ilmentatur spjega li huwa sab korrispondenza li kien qed jirreferi ghaliha l-provditur tas-servizz, liema korrispondenza tirreferi ghal zmien qabel ma kien ghadu ma xtara xi sehem fl-investiment in kwistjoni.

Gie spjegat li l-ilmentatur xtara 220 *Proshares* fl-1 ta' Lulju 2015, u 466 ohra fl-20 ta' Ottubru 2015. Huwa ghalhekk sahaq li dak li kien qed jinghad mill-provditur tas-servizz kien biss biex jghatti xturu.

Saret referenza ghal risposta tal-provditur tas-servizz fejn intqal li:

*'In such regard, GCFM respectfully disagrees to the allegation that neither providing a Financial Planning Advisor review and/or nor having provided a valuation statement over the period in question is conducive or connected to you having sustained the financial loss on the investment. GCFM therefore feels that your request for compensation of the loss is unjustified and cannot be entertained.'*[3]

L-ilmentatur sahaq li dan izda huwa biss qerq ghaliex il-provditur tas-servizz qieghed jipprova jhawwad l-affarijiet.

Huwa spjega li filwaqt li kien vera li huwa kien qieghed josserva kif kien miexi l-investiment qabel ma xtara l-prodott, xejn m'ghandu jiskolpa lill-*GlobalCapital* li ghal tul ta' kwazi sentejn hallietu fl-ghama u fejn lanqas il-konsulent finanzjarju ma ghamel l-ebda forma ta' komunikazzjoni.

L-ilmentatur sahaq li l-provditur tas-servizz ma pprovdiex risposta ghal aspetti li tqajmu u li *GlobalCapital* kienet qeda tipprova tghatti l-affarijiet biex tevita r-responsabbilità taghha.

[3] P. 4

**Bhala rimedju, l-ilmentatur talab il-flus kollha li tilef tul iz-zmien li l-provditur tas-servizz ma ghamilx xogholu u ma zammux infurmat dwar l-investiment tieghu.**

Huwa talab ukoll lill-MFSA biex tiehu l-passi kollha kontra *GlobalCapital* ta' dan l-abbuz sfaccat.

L-ammont mitlub mill-ilmentatur huwa ta' Ewro5,400. Huwa spjega li dan l-ammont huwa d-differenza fil-valur tas-suq (*'Market Value'*) fl-ahhar tas-sena 2019 ta' Ewro6,259.16 meta kkomparat mal-valur tas-suq fit-22 ta' Settembru 2021 li kien ta' Ewro864.19.[4]

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li tghid:[5]**

1. Illi t-talbiet tal-ilmentatur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess ilmentatur, u dan, *inter alia*, stante illi l-ilmentatur kien ilu hafna snin igarrab telf fuq l-investiment tieghu fil-*Proshares Ultra DJ-UBS Crude Oil Securities*, li ghazel hu stess li jidhol fih u li kkonferma hu stess li kien qed isegwih fuq bazi regolari anke qabel ma investa fih.

   Illi t-telf f'investiment fih innifsu ma jgibx responsabbilità tal-*GlobalCapital* li agixxiet fuq l-istruzzjonijiet tal-ilmentatur fix-xiri tal-investiment li kien sar fuq bazi *'Execution Only'* kif ser jirrizulta mill-provi.

2. Illi apparti minn hekk, il-provditur tas-servizz dejjem kien disponibbli sabiex jaghti kull informazzjoni lill-ilmentatur u li fil-fatt inghatatlu kif ser jirrizulta mill-provi.

3. Illi l-ispejjez ta' dan l-ilment ghandhom jigu soppartati mill-ilmentatur.

Il-provditur tas-servizz ghamel din id-'Dikjarazzjonijiet tal-Fatti':

i. Illi l-ilmentatur qed jitlob r-rifuzjoni tas-somma ta' Euro5,400 li jirrapprezentaw parti mit-telf li garrab fuq l-investiment tieghu fil-*Proshares*, liema parti mit-telf l-ilmentatur jghid li huwa ghal perjodu *'end 2019'* sat-22 ta' Settembru 2021.

---

[4] *Ibid.*

[5] P. 37-39

Illi l-bazi ta' dan l-ilment huwa li ghalkemm l-ilmentatur jammetti li huwa kien qed jimmoniterja kif kien miexi l-investiment tieghu kif dejjem kien jaghmel, jilmenta li ma rceviex *statements* tal-investiment tieghu ghal zmien bejn l-ahhar tas-sena 2019 sa Settembru tas-sena 2021 u ghal din ir-raguni qed jitlob it-telf li allegatament garrab bejn l-ahhar tas-sena 2019 u Settembru tas-sena 2021.

ii. Illi l-provditur tas-servizz qatt ma rceviet ebda ilment jew rikjesta minghand l-ilmentatur li ma kienx qed jircievi *statements* tal-investimenti tieghu fil-perjodu Jannar 2020 sa Awwissu 2021.

L-ewwel darba li l-provditur tas-servizz ircieva din ir-rikjesta kienet f'Settembru tas-sena 2021 fejn *GlobalCapital* immedjatament baghtitlu l-i*statement* rikjest minnu.

Illi kif ser jirrizulta fil-provi fil-kors tal-istharrig ta' dan l-ilment, l-ilmentatur kien digà qed isofri telf fl-investiment tieghu ferm qabel dan il-perjodu u hu stess kien qed jimmoniterja l-investimenti tieghu *online*.

iii. Illi apparti dan kollu, l-*GlobalCapital* hija licenzjata taht Kategorija 2 kif jirrizulta mil-licenzja taghha (annessa mar-risposta bhala Dok 'GCFM1')[6] u kienet tat is-servizz ta' *Execution Only* u ma hiex tenuta li toffri servizzi ta' *discretionary portfolio management* bhalma donnu allega l-ilmentatur.

iv. Illi ghaldaqstant ma hemm l-ebda ness bejn dak li jghid l-ilmentatur li ma rceviex *statements* u t-telf migjub f'dak il-perjodu, u l-provditur tas-servizz ma jahti xejn ghat-telf li garrab l-ilmentatur waqt dan il-perjodu, liema telf huwa kompletament barra mill-kontroll taghha.

v. Il-provditur tas-servizz issottometta li ghar-ragunijiet kollha moghtija, l-ilment ghandu jigi respint u r-rimedji mitluba michuda, bl-ispejjez kontra l-ilmentatur.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

[6] P. 40

**Jikkonsidra:**

***Il-fatti tal-kaz***

*L-ilmentatur*

Fl-*'Account Opening Form and Client Form'* ('*Client Form*') mahruga minn *GlobalCapital* datata 14 ta' Gunju 2007, l-ilmentatur gie indikat li twieled fis-sena 1962, u li kien impjegat bhala *'Asst. Head of School'* mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni.[7]

L-*'investment objective'* tieghu kien indikat fl-istess formola bhala *'Capital Growth'* (minn fost l-ghazliet l-ohra ta' *'Balanced Return'* jew *'Income from investments'*) filwaqt li l-*'Attitude to Risk'* maghzul kien wiehed *'Adventurous'* (minn fost l-ghazliet l-ohra ta' *'Secure (capital guaranteed)'*, *'Cautious'* jew *'Balanced'*).[8]

Is-sezzjoni 8.1 bl-intestatura, *'Notes on what was discussed and agreed with regard to investment'* fl-istess *Client Form* thalliet vojta.[9]

Ghalkemm il-*Client Form* ma tindikax x'tip ta' servizz kien qieghed jinghata dak iz-zmien lill-klijent, din il-formola[10] tispecifika dan li gej f'sezzjoni 11.1 intestata *'Client Confirmation'*:

*'... Whilst your Financial Planning Manager may only provide you with advice on specified products, he/she may upon your request, provide you with information on any other investment products available on the market. Your investment advisor may also arrange for you to purchase or sell units in such products'*.[11]

Matul il-proceduri tal-kaz, apparti l-*Client Form* gew pprezentati tliet kopji tal-*'Confidential Client Fact-Find for Execution Only'* ('CFF Form') mahruga minn *GlobalCapital* - wahda datata 20/02/2014, ohra 14/04/2015 u ohra 22/07/2015.

---

[7] P. 53
[8] P. 57
[9] P. 58
[10] Iffirmata mill-*'Financial Planning Manager'* ta' GlobalCapital u mill-ilmentatur - P. 51 u 64
[11] P. 61

F'dawn il-formoli l-ilmentatur huwa indikat bhala klijent *'retail'*, fejn is-servizz offrut huwa mmarkat bhala *'Execution Only'* - minkejja li hemm indikat *'Financial Advisor'* fl-ewwel pagna tad-dokument.[12]

Is-servizz indikat bhala *'Execution-Only basis'* huwa maghzul fir-rigward ghal *'Local and International Stock broking'* hekk kif johrog minn Sezzjoni D tal-CFF Forms.[13]

L-investiment fil-*Proshares* gie offrut lill-ilmentatur mill-provditur tas-servizz stess hekk kif johrog mill-*email* datata 07/04/2015 li intbaghtet mill-*Financial Planning Manager* fejn dan tal-ahhar indika il-*Proshares* bhala *'... an ETF which might be suitable in your case'*.[14]

***L-investiment in kwistjoni***

L-investiment *Proshares* huwa *Exchange Traded Fund* ('ETF').

Dan l-investiment inxtara u kien jaghmel parti minn portafoll ta' investimenti li kienu mizmuma minn *GlobalCapital* fuq bazi ta' *nominee holdings* ghan-nom tal-ilmentatur hekk kif johrog mill-*valuation statements* ipprezentati. [15]

*It-tranzazzjonijiet fil-Proshares*

Gew ipprezentati zewg *'Purchase Contract Notes'* ufficjali mahrugin mill-*GlobalCapital* li jittrattaw il-*Proshares Ultra DJ-BS Crude Oil Securities* hekk kif gej:

(a) wahda datata 26 ta' Gunju 2015 li tindika x-xiri ta' 220 *units* bil-prezz ta' USD44.66 ghan-nom tal-ilmentatur ghall-prezz totali ta' USD9,925.20 (wara spejjez u kummissjoni);[16]

(b) ohra datata 15 ta' Ottubru 2015 li tindika x-xiri ta' 466 *units* addizjonali bil-prezz ta' USD23 ghan-nom tal-ilmentatur ghall-prezz totali ta' USD 10,818.00 (wara spejjez u kummissjoni).[17]

[12] P. 71, 79 u 90
[13] P. 74, 84 u 94
[14] P. 28
[15] P. 18-23
[16] P. 88
[17] P. 98

Matul dawn il-proceduri, *GlobalCapital* ipprezentat ittra mhux datata mahruga minnha rigward ir-*'Reverse Stock Split'* tal-*Proshares*.[18] Din l-ittra tispjega, fosthom, li *'On 12th January 2017, Proshares announced to undergo a reverse stock split process'*, fejn inharget *'1 share for every 2 shares held as at 9th January 2017'*, u li ghalhekk wara r-*reverse stock split,* l-ilmentatur spicca b'343 *units* jew *shares*.[19]

Kien hemm *reverse stock split* ohra li saret sussegwentement.

Matul is-seduta tal-15 ta' Marzu 2022, il-*Compliance Officer* tal-*GlobalCapital* xehed li:

*'... mistoqsi jekk inix aware li kien hemm reverse stock split ohra at a later date u ta' dik l-ebda komunikazzjoni ma giet mibghuta, nghid li jiena aware li saret a reverse stock split ohra recenti, biss ma sibtx kopja tal-ittra jekk intbaghtet lil ZP'.*[20]

Fis-sottomissjonijiet finali tieghu, l-ilmentatur spjega li l-*Compliance Officer* ta' GlobalCapital *'...ukoll ikkonferma fix-xhieda tieghu li ma kien hemm l-ebda informazzjoni li kienet intbaghtet komunikazzjoni meta regghet saret reverse split ohra li milli jidher saret fis-7/10/2020'*.[21]

Gie sostnut li din l-informazzjoni intbaghtet biss lill-ilmentatur sena wara f'*email* mill-*Operations Manager* ta' *GlobalCapital* datata 12/10/2021.[22]

Minn ricerka li ghamel l-Arbitru johrog[23] li apparti l-*'iStock Split'* ta' 1:2 li sar f'Jannar 2017, sar fil-fatt *'Stock Split'* iehor f'April 2020 ta' 1:25.[24]

Dan tal-ahhar jispjega kif minn 343 *units* fil-*Proshares*, hekk kif indikat fil-*Valuation Statement* tal-31/12/2019, l-ilmentatur spicca bi 13-il *unit* hekk kif rifless fil-*Valuation Statement* tat-22/09/2021.[25]

---

[18] P. 106
[19] *Ibid.*
[20] P. 110
[21] P. 114
[22] P. 3 u 114
[23] Minn informazzjoni ppubblika fuq l-*internet*
[24]https://finance.yahoo.com/quote/UCO/history?period1=1483228800&period2=1669593600&interval=capitalGain%7Cdiv%7Csplit&filter=split&frequency=1d&includeAdjustedClose=true
[25] P. 18 u 19

***Il-Proshares ma nbieghx matul iz-zmien li kien mizmum ma' GlobalCapital***

L-ebda dokumentazzjoni ma giet ipprezentata u lanqas hareg matul il-proceduri ta' dan il-kaz li kien hemm xi bejgh attwali ta' *units* jew *shares* li l-ilmentatur kellu fil-*Proshares* sakemm dan kien mizmum ma' *GlobalCapital*.

Wara d-digriet mahrug mill-Arbitru tal-5 ta' Dicembru 2022, fejn il-provditur tas-servizz intalab biex jikkonferma jekk sarx bejgh tal-*investiment Proshares* jew parti minnu sakemm dan kien mizmum minn GlobalCapital, qabel ma gie ttrasferit lill-provditur tas-servizzi finanzjarji iehor,[26] l-ilmentatur stess ikkonferma fl-*email* tieghu tal-5 ta' Dicembru 2022 li *'qatt ma sab bejgh'*.[27]

Fir-risposta taghha ghad-digriet tal-Arbitru, *GlobalCapital* ipprovdiet dokumentazzjoni li tindika li fil-5 ta' Jannar 2022 kien hemm *'Transfer Out CC'* (jigifieri trasferiment lil Calamatta Cuschieri, il-providur tas-servizz il-gdid tal-ilmentatur) ta' tlettax-il *unit* jew *share* fl-investiment indikat bhala *'Proshares Ultrashort Bloomberg Crude Oil Securities'*.[28]

*L-obbligu li jinghataw statements*

Il-provditur tas-servizz kellu obbligazzjonijiet cari biex jipprovdi *statement* regolari lill-ilmentatur. Fil-bidu dawn kienu tal-inqas darba kull sitt xhur hekk kif indikat fil-*Client Form*. Fis-snin sussegwenti, dan l-obbligu sar izjed frekwenti hekk kif rifless fil-*Conduct of Business Rulebook* mahrug mill-MFSA.[29]

Is-sezzjoni hdax intestata, *'Account Statement and Portfolio Valuation'*, tal-*Client Form* iffirmata fis-sena 2007, fil-fatt kienet tghid hekk:[30]

> *'11.1 The Company shall send the Client at least once every six (6) months a statement of accounts.*
>
> *11.2 The Company shall also send the Client a valuation of the Client Portfolio at least once every six (6) months.*

[26] P. 119
[27] P. 120
[28] P. 131
[29] Fl-20 ta' Dicembru 2017
[30] P. 63

*11.3 The Client agrees to promptly examine all statements and valuations received from the Company and each entry and balance recorded therein and to notify the Company of any errors, omissions or objections to any entries and balances in such statements or valuations, within thirty (30) days from each statement or valuation date (as the case may be), failing which the Company shall be entitled to treat such statements and valuations and any entries and balances therein as final and conclusive and binding on the Client'.*

Fil-perjodu in kwistjoni, fejn l-ilmentatur allega li ma rceviex *statements*, jigifieri, ghal matul is-sena kollha 2020 sa Settembru 2021,[31] il-provditur tas-servizz kien soggett ghal *Conduct of Business Rulebook* ('il-*Rulebook*') mahrug mill-MFSA. Dan il-*Rulebook* fost affarijiet ohra jipprovdi illi:

*' Statement of Client Financial Instruments or Client Money*

*R.1.4.55 A Regulated Person that holds Client Financial Instruments or Client money shall send **at least on a quarterly basis**, to each Client for whom it holds Financial Instruments or funds, a statement in a Durable medium of those Financial Instruments or funds unless such a statement has been provided in any other periodic statement. Such statements shall be provided more frequently on Client request at commercial costs ...'* [32, 33]

***Osservazzjonijiet u Konkluzjoni***

Il-*GlobalCapital* ma kkontestax l-allegat nuqqas li huwa ma baghatx *statements* lill-ilmentatur hekk kif suppost kellu jaghmel matul il-perjodu ta' bejn is-sena 2020 sa Settembru 2021.

Matul il-proceduri tal-kaz, il-provditur tas-servizz fil-fatt ma pprezenta l-ebda *statement* indirizzat lill-ilmentatur li kien jindika l-pozizzjoni u l-valur tal-investimenti f'dan il-perjodu.

---

[31] L-ittra datata 10 ta' Marzu 2020 (P.14) mibghuta mill-provditur tas-servizz lill-ilmentatur kienet tinkludi biss *'portfolio statement as at 31 December 2019'*.

[32] Verzjoni tal-*Conduct of Business Rulebook*, *'Last Revised: 2 April 2019'*

[33] Enfasi mizjuda mill-Arbitru

Waqt is-seduta tal-15 ta' Marzu 2022, il-*Compliance Officer* tal-*GlobalCapital* ikkonferma li ma sabx l-i*statements* u ma kienx jaf ir-raguni ghalfejn ma ntbaghtux l-i*statements* lill-ilmentatur.

Huwa xehed:

*'Il-klijent qed jitlob ghal-loss li garrab bejn l-2020 u l-ewwel nofs sena tal-2021. Il-klijent qed jaghmel claim li ma rceviex statements mill-kumpanija. Nghid li ma sibtx informazzjoni li lil ZP ntbaghtulu l-istatements'.* [34]

...

*'Qed jinghad li legalment ahna obbligati nibaghtu quarterly statements lill-klijenti u mistoqsi nispjega ghalfejn minn Marzu 2020 sa Settembru 2021, dawn l-istatements ma ntbaghtux lil ZP, nghid li dik hija issue li qed narawha bhala kumpanija mal-MFSA. Ma nistax naghti risposta ghax dik hija xi haga interna. Nghid li jiena ma nafx ghalfejn ma nbaghtux l-istatements'*.[35]

**Johrog allura b'mod car u inekwivoku li kien hemm nuqqas materjali min-naha tal-provditur tas-servizz meta l-*GlobalCapital* ma pprovdietx lill-ilmentatur *statements* regolari li jkopru l-pozizzjoni tal-portafoll tieghu (inkluz il-*Proshares*) u l-valur taghhom matul is-sena 2020 sa Settembru 2021.**

***GlobalCapital* kienet obbligata li tibghat *statement* regolari kemm skont it-termini tal-*Client Form* u l-obbligi regolatorji applikabbli li johorgu mir-*Rulebook* hekk kif deskritt hawn fuq.**

**Johrog ukoll b'mod car li apparti n-nuqqas ta' *statements* regolari, hekk kif imsemmi hawn fuq, l-ilmentatur ma gie lanqas ipprovdut b'informazzjoni materjali fuq l-*istock split* li sar fis-sena 2020.**

**Ma hemm l-ebda gustifikazzjoni min-naha tal-*GlobalCapital* ta' dan l-agir u n-nuqqasijiet.**

**Minkejja dawn in-nuqqasijiet materjali u evidenti, l-Arbitru izda ma jsibx bazi bizzejjed sostanzjata fuq xiex jista' jilqa' t-talba tal-ilmentatur ghal rimedju mitlub minnu, fic-cirkostazni partikolari ta' dan il-kaz, ghal dawn ir- ragunijiet**:

[34] P. 108
[35] P. 110

1. ***Allegat telf u nuqqas ta' evidenza sufficjenti ta' danni sofferti*** – Minkejja li l-Arbitru jagħraf li l-andament fil-prezz tal-*Proshares* huwa wieħed negattiv meta wieħed iqabbel il-*market value* tiegħu fl-aħħar tas-sena 2019 u l-*market value* tat-22/9/2021, dan it-telf izda huwa wieħed mhux realizzat, jigifieri, huwa *'paper loss'*.[36]

**Fil-fatt, ma giet ipprovduta l-ebda evidenza matul dan il-kaz, jew hareg li kien hemm xi telf realizzat fuq dan l-investiment.**

Dan peress li matul il-proceduri tal-kaz ma hargitx evidenza u lanqas ma saret l-ebda referenza li dan l-investiment jew xi parti minnu nbiegh. Dan hekk kif anke deskritt fis-sezzjoni intitolata '*Il-Proshares ma nbieghx matul iz-zmien li kien mizmum ma' GlobalCapital'* hawn fuq.

**It-telf indikat mill-ilmentatur fl-ilment tieghu huwa ghalhekk ikkunsidrat li kien wiehed ta' *paper loss* u mhux telf realizzat. Dan il-*'paper loss'* ivarja b'mod kontinwu skont l-andament tal-investment peress li l-investiment kien u ghadu jopera.**

**L-Arbitru ghalhekk ma jistax jiddetermina li fattwalment kien hemm xi telf fuq il-kapital realizzat mill-ilmentatur ghall-iskop tal-Artikolu 26(3)(iv) tal-Kapitlu 555 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-Arbitru lanqas ma gie pprovdut jew ghandu xi evidenza adekwata ta' danni sofferti mill-ilmentatur minhabba l-imgieba u n-nuqqasijiet indikati tal-provditur tas-servizz**.

**L-Arbitru jqis li ma ghandux xi prova specifika li l-ilmentatur kien ser ibiegh l-investiment in kwistjoni jew xi parti minnu, kieku matul is-sena 2020 sa' Settembru 2021 huwa kellu fil-pussess tieghu l-*istatements* li gew indikati li ma rceviex.**

**Dan izjed u izjed meta wiehed iqis li l-ilmentatur ma indikax xi perjodu specifiku meta huwa kieku kien ibiegh l-investiment jew xi parti minnu. Lanqas ma pprovda jew hargu ragunijiet jew xi gustifikazzjonijiet konvincenti l-ghala huwa kieku kien jaghmel hekk**.

[36] https://www.investopedia.com/terms/p/paperprofitorloss.asp

2. ***Kuntest*** – Il-konkluzjonijiet indikati hawn fuq huma bbazati fuq ic-cirkustanzi partikolari ta' dan il-kaz inkluz, fosthom, dawn l-aspetti:

(i) L-attitudni ta' riskju tal-ilmentatur li kienet indikata bhala wahda *'Adventurous'* hekk kif imsemmi hawn fuq;

(ii) In-natura, r-riskji u l-volatilità assocjati mal-prodott ta' investiment in kwistjoni, inkluz, il-konsiderazzjoni importanti relatata ma' dan it-tip ta' prodott li l-investituri ghandhom isegwu dan l-investiment b'mod frekwenti kuljum. Dan hekk kif johrog mill-*website Proshares.com* stess fir-rigward tal-investiment in kwistjoni;[37]

(iii) Il-kapacità tal-ilmentatur li jsegwi huwa nnifsu l-prezzijiet, hekk kif kien ghamel qabel ma xtara l-prodott;

(iv) Li l-investiment kien jaghmel parti minn portafoll li kollettivament zdied fil-valur meta wiehed iqabbel il-*valuation statement* tat-22/09/2021 u dak tal-31/12/2019, u fejn l-ilmentatur ma ghamilx xi lment fuq l-investimenti l-ohra minkejja n-nuqqas ta' *statements* li jinvolvu l-investimenti kollha msemmija f'tali *valuation statements*;

(v) Li ma kinitx l-ewwel darba li l-i*statements* kienu juru kambjament sostanzjali fil-valur (*market value*) fuq il-prodott in kwistjoni. Per ezempju, fil-*'valuation statement as at 30-09-2018'*, il-valur tal-prodott kien indikat bhala USD10,628.45, filwaqt li fl-i*statement* ta' ftit xhur wara, dak tal-31/12/2018, il-valur tal-investiment kien nizel sostanzjalment ghal USD3,978.89. L-ebda azzjoni ma kienet ittiehdet mill-ilmentatur dak iz-zmien;[38]

(vi) Li, hekk kif imsemmi hawn fuq, l-investiment finalment ma nbieghx meta kien ghadu mizmum ma' *GlobalCapital*. L-investiment kien u ghadu jopera

[37] Wahda mill-*'Important Considerations'* hekk kif specifikata fuq il-*website Proshares.com* rigward l-investiment in kwistjoni tispecifika dan li gej: ***'Investors should monitor their holdings as frequently as daily****. Investors should consult the prospectus for further details on the calculation of the returns and the risks associated with investing in this product.'* – Enfasi mizjuda mill-Arbitru

[38] P. 22 u 23

fejn il-valur tieghu ghadu jvarja b'mod kontinwu skont l-andament tal-prodott.

<u>**Decizjoni**</u>

**Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha moghtija aktar 'il fuq f'din id-decizjoni, l-Arbitru qieghed jichad it-talba ghal kumpens monetarju rikjesta mill-ilmentatur.**

**Izda, peress li kif imsemmi aktar 'il fuq f'din id-decizjoni, il-provditur tas-servizz naqas mill-obbligi regolatorji tieghu li jibghat l-i*statements* imsemmija lill-ilmentatur ghas-snin imsemmija fl-ilment, l-Arbitru *ai termini* tal-Artiklu 26 (3)(c)(i) u (iii) tal-Kapitlu 555 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jordna lill-provditur tas-servizz sabiex jibdel din il-prattika u jibghat l-i*statements* lill-klijenti tieghu fil-hin u kif jipprovdi r-*Rulebook* li japplika ghall-provditur tas-servizz, imsemmi aktar 'il fuq f'din id-decizjoni.**

**Kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**